MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2003

Rikors Numru. 588/2002/1

**Rikors Nru:  588/02 JA**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 997/02 fl-ismijiet:**

**Alexandra Borg Olivier, Peter Borg Olivier, Anela Simonds, Jean Paul Borg Olivier, in-Nutar Paul Pullicino ghan-nom u in appresentanza tal-assenti Avukat Dottor Alexander Borg Olivier.**

**-vs-**

**Perit Arkitett Joseph Xuereb u martu Dolores I.D. Nru: 108728 (M) u I.D. Nru: 682235 (M) rispettivament.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors mressaq mir-rikorrenti l-Perit Arkitett Joseph u martu Dolores Xuereb fit-23 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu isottomettew:

1. Illi huma gew notifikati fl-20 ta' mejju, 2002 b' dan il-mandat ta' sekwestru (997/02) mahrug fil-konfront taghhom fl-ismijiet premessi.

2. Illi l-ammont ta' kreditu kif indikat fil-mandat huwa ta' elf seba mija u (sic) disghin u erbghin liri maltin u disghin centezmi (Lm1749.90) inkluzi Lm228.25 taxxa fuq il-valur mizjud b' riserva ghal spejjes ulterjuri sad-dat tal-pagament effettiv.

3. Illi t-titolu ezekuttiv vantat mis-sekwestrant huwa "*skond sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti tal-t' Ottubru 1998 u kif wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 t' Ottubru, 2001 u skond taxxa annessa u mmarkata bhala Dok.A u prospett Dok B, liema kawza qieghda fl-ismijiet inversi".*

4. Illi meta kien gie avvicinat mis-sekwestranti sabiex ihallas l-ispejjes tal-kawza ir-rikorrent talab u ottjena ritassa u prospett

maghmul mill-assistant Registratur tal-Qrati A. J. Portelli u dana fl-4 ta' Frar 2002 u fis-6 ta' Frar 2002 li qed jigu hawn annessi bhala dok JX u Dok JX2. Dawn gew komunikati lis-sekwestranti.

5. Oltre dan qed jigi hawn annessa bhala Dok JX3 il-workings informali mahgmula mill-istess Assistant Registratur li permezz taghha it-taxxa giet *"withdrawn"*.

6. Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti qed jitlobu bil-qima lil din l-Onor. Qorti joghgobha torda r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ta' hawn fuq u dana ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 – Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat ir-risposta ta' l-intimati pprezentata fit-2 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi Alexandra Borg Olivier et hargu l-mandat ezekuttiv ta' sekwestru (Nru 997/02) sabeix jithallsu l-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet "Perit Arkitett Joseph Xuereb et –vs- Alexandra Borg Olivier et" (Kawza Nru: 1412/9) deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell fil- t' ottubru, 2001, skond it-taxxa relattiva mahruga fil-11 ta' Dicembru 2001, mir-Registratur tal-Qorti Dok A.

Illi l-Perit Arkitett Joseph Xuereb qieghed jghid illi l-hlas m' ghandux jigi maghmul, skond din it-taxxa il-ghaliex sussegwentement inhargu taxi "korrettorji" ohra mill-Assistant Registratur tal-Qorti, AJ Portelli, fl-4 ta' Frar, 2002 Dok JX u fis-6 ta' Frar 2002 Dok JX2.

Illi l-ewwel ilment kbir tal-presenti esponent hu dwar il-metodu kif taxi jinbidlu mill-Qorti.

It-tieni u tielet taxxa gew mahruga mill-imsemmi Sur Portelli semplicement il-ghaliex il-Perit Arkitett Joe Xuereb mar ifesfes f'

widnejh u klandestinament u f’ konfoffa dawn iz-zewg persuni qabdu u hargu taxxa li “Tikkoreggi” taxxa precedentement mahruga.

Minghajr ebda informazzjoni (wisq inqas partecipazzjoni tal-parti interessata) u trasparenza. Din hi sistema kompletament zbaljata, inkoretta, etikament hazing illegali, u kontra l-procedura stabilita tal-Qorti u definittivament m’ ghandhiex issir.

It-taxxa hu document pubbliku u ghandu l-forza ta’ titolu ezekuttiv bhal sentenza u att pubbliku notarili. Ma’ tistax tinbidel minghajr il-kunsens tal-partijiet jew fin-nuqqas minghajr process litigus. Tali kambjament jimmina l-fiducja u l-efficjenza tal-Qrati. Ghalxejn jingabu computers jekk l-umani li jhaddmu s-sistema, jahdmu b’ dan il-mod.

Fit-tieni luog l-ewwel taxxa hi dik korretta – erba’ konvenuti, bid-dritt kull wiehed (anke jekk bl-istess avukat) bhal del resto l-erba’ hlasijiet li saru meta ppresentaw l-eccezzjonijiet separati u distinti. Il-hlas ta’ l-ispejjez tal-Qorti ma jiddependux min-numru ta’ avukati involui izda minn numru ta’ partijiet, ragun u l-ispeditezza, u il-ligi lkoll iwasslu ghal din il-konkluzzjoni.

Ghalhekk it-talba tal-Perit Joe Xuereb ghandha tigi michuda.

Semghet ix-xhieda u l-Avukati tal-partijiet.

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma pjuttost inkwetanti ghal dak li jirrigwardja l-amministrazzjoni tal-Qorti. L-intimati f’ dan ir-rikors ossija Alexandra Borg Olivier et, ottjenew sentenza fil-konfront tal-konjugi Xuereb u kif jigri dejjem, id-difensur taghhom ottjena minghand ir-registratur tal-Qorti taxxa tal-ispejjez ta’ dawk il-proceduri. Sussegwentement il-Perit Xuereb li kellu

diffikolta’ dwar din it-taxxa, mar ghand is-Sur Albert Portelli (assistant Registratur) u wara li jidher li kkontesta verbalment din it-taxxa, l-

imsemmi Albert Portelli hariglu taxxa ohra, differenti minn dik illi inharget originarjament. Il-kwezit tal-Perit Xuereb kien minhabba li d-dritt tal-Avukat tal-kontro parti gie ntaxxat ghal tlett darbiet, meta dawn kienu patrocinati minn Avukat wiehed.

Jidher illi s-Sur Portelli gie konvint li ha zball u kwindi hareg taxxa differenti. Din il-Qorti thoss li dan kien attegjament irresponsabbli u holoq kontroversja inutili. Il-Ligi tipprovdi fl-Artiklu 64 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' malta, il-mod kif ghandha tigi attakkata taxxa u ma' jistax ikun li r-registratur jew xi ufficjal iehor tal-Qorti anke jekk genwinament jahseb li ghamel zball, kif zgur kien dan il-kaz, jaqbad u johrog taxxa differenti.

Din il-Qorti ma' thossx illi ghandha tidhol fil-mertu dwar jekk l-Avukat in kwistjoni kellux dritt jithallas daqs li kieku l-intimati kellhom tlett Avukati differenti, ghaliex ma' thossx li hemm ghalfejn, anke ghaliex ma' jirrizultax mill-atti processwali jekk per ezempju gewx prezentati tlett noti ta' l-eccezzjonijiet jew presentx wahda ghan-nom tat-tlett konvenuti, ghaliex jista' jkun li dan kien ikun importanti. Li hu zgur hu li l-partijiet kellhom f' idejhom zewg taxxi differenti u kellhom kull ragun izommu mal-posizzjoni li hadu. Madankollu jibqa' l-fatt li l-intimati kellhom kull dritt jitolbu l-hrug tal-mandat a bazi ta' din it-taxxa ghaliex ma' hemm xejn li juri li din ma' kienitx valida daqs l-ohra, anzi semmai billi harget qabilha, kienet dik fil-pussess tar-rikorrenti li kellha dell serju fuq il-validita' taghha. Dan kif gia inghad ma' hux qed jinghad fir-rigward il-mertu reali ta' kif kellha ssir it-taxxa. Madankollu anke l-Perit Xuereb kellu r-raguni tajba tieghu ghaliex ikkontesta l-hrug tal-Mandat a bazi ta' dik it-taxxa, anke jekk din il-Qorti ma' thossx li legalment ghandu ragun, la darba kien ovvjament jaf bl-esistenza tat-taxxa minnu kontestata. Huwa minhabba li l-problema inholqot mill-mod kif mexa r-registratur li din il-Qorti se tiddeciedi kif se tiddeciedi fir-rigward ta' l-ispejjez ta' din il-procedura. Izda d-dettami tal-Artikolu 64 fuq imsemmi ma' jhalli beda dubbju li taxxa tista' tigi biss kontestata bil-mod hemm imsemmi. Fil-

fehma tal-Qorti id-debitur kellu jagixxi b' dak il-mod kif appena gie notifikat bil-mandat la darba dan kien l-ewwel att gudizzjarju li nnotifikah ufficjalment bl-esistenza tat-taxxa kontestata.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati u tichad it-talba tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez, minhabba dak li gia' inghad, jibqghu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------